SEJĦA GĦALL-PROPOSTA – EACEA/25/12

MEDIA 2007 – Żvilupp, distribuzzjoni, promozzjoni u taħriġ

Sostenn għad-distribuzzjoni transnazzjonali tal-Films Ewropej

L-iskema "awtomatika" 2013

(2012/C 394/14)

1. **Għanijiet u deskrizzjoni**

Dan l-avviż ta' Sejħa għall-Proposti huwa bbażat fuq id-Deċiżjoni Nru 1718/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 dwar l-implimentazzjoni ta' programm ta' appoġġ lis-settur awdjoviżiv Ewropew (MEDIA 2007).

Wieħed mill-għanijiet tal-programm huwa li tiġi inkoraġġita u sostnuta d-distribuzzjoni transnazzjonali usa' tal-films Ewropej riċenti permezz ta' fondi lid-distributuri, abbażi ta' kif imorru fis-suq, għal investiment ulterjuri f'films ġodda mhux Ewropej.

L-iskema timmira wkoll li tinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' komunikazzjoni bejn l-oqsma ta' produzzjoni u distribuzzjoni - bir-riżultat ikun it-titjib tas-sehem tas-swieq tal-films Ewropej; u l-kompetittività tal-Kumpaniji Ewropej.

Il-proposta tal-Kummissjoni marbuta mal-Programm Ewropa Kreattiva s'issa għadu ma ġiex adottat mil-Leġiżlatur Ewropew. Madankollu, biex tippermetti implimentazzjoni f'waqtha ta' dan il-programm wara l-adozzjoni tiegħu mil-Leġiżlatur Ewropew u biex il-benefiċjarji potenzjali tal-appoġġ tal-Unjoni jkunu jistgħu jħejju l-proposti tagħhom mill-aktar fis possibbli, l-Aġenzija ddeċidiet li tippubblika din is-Sejħa għal Proposti.

Din is-Sejħa għal Proposti ma tinvolvix ir-responsabbiltà legali tal-Aġenzija. Din tista' titħassar u tipi oħra ta' sejħiet għal proposti jistgħu jiġu mnedija b'dati ta' skadenzi xierqa.

B'mod aktar ġenerali, l-implimentazzjoni ta' din is-Sejħa għal Proposti hija soġġetta għall-kundizzjoni li ġejja:

— adozzjoni tal-programm ta' ħidma marbut mal-Programm Ewropa Kreattiva wara referenza lill-kumitat tal-programm.

2. **Applikanti eliġibbli**

Dan l-avviż huwa immirat għall-kumpaniji Ewropej li jispeċjalizzaw fid-distribuzzjoni teatrali tax-xogħlijiet Ewropej u li l-attivitajiet tagħhom jikkontribwixxu mal-għanijiet imsemmija tal-programm MEDIA kif imsemmi fid-Deċiżjoni tal-Kunsill.

L-applikanti għandhom ikunu stabbiliti f'wieħed mill-pajjiżi li ġejjin:

— is-27 pajjiż tal-Unjoni Ewropea

— il-pajjiżi taż-ŻEE, l-Iżvizzera u l-Kroazja

— Il-Bosnja-Ħerzegovina (taħt il-kundizzjoni tal-finalizzazzjoni tal-proċess ta' negozjati u l-formalizzazzjoni tal-parteċipazzjoni ta' dan il-pajjiż għall-programm MEDIA).

3. **Azzjonijiet eliġibbli**

L-iskema "awtomatika" ta' appoġġ hija maqsuma f'żewġ fażijiet:

— Il-ħolqien ta' fond potenzjali, bi proporzjon man-numru ta' biljetti tad-dħul imħallsa li ġew mibjugħa għal films Ewropej nondomestiċi fi Stati li qed jieħdu sehem fil-programm matul is-sena ta' referenza (2012), sa massimu limitat għal kull film u adattat għal kull pajjiż.

  L-iskrinjar tal-gruppi jew tal-għaqdiet li ma għandhomx imposti fuqhom prezz tal-biljett individwali, mhux se jkun eliġibbli. L-ammissjonijiet kollha għandhom ikunu koperti mis-sistemi nazzjonali rilevanti ta' rapportar u verifika li jippermettu lill-Awtorità Nazzjonali li tiċċertifikahom. L-EACEA tirriżerva d-dritt li tirrifjuta l-applikazzjonijiet fejn jidhrilha li mhux il-kundizzjonijiet kollha jkunu ġew sodisfatti.

— Investiment mill-ġdid tal-Fond potenzjali: għaldaqstant iġġenerat minn kull kumpanija, il-Fond irid jiġi investit fi 3 modi (3 tipi ta' azzjoni) sal-1 ta' Ottubru 2014:

(1) il-koproduzzjoni ta' films Ewropej nondomestiċi;

(2) l-akkwist tad-drittijiet ta' distribuzzjoni, per eżempju permezz ta' garanziji minimi, ta' films Ewropej nondomestiċi; u/jew fi

(3) spejjeż ta' editjar (stampar, doppjar, sottotitolaġġi), spejjeż ta' reklamar u spejjeż ta' pubbliċità għal films Ewropej nondomestiċi.

Sabiex il-film ikun eliġibbli l-ewwel jeddijiet miżmuma ma jkunux iridu ġew imwaqqfa qabel l-2009.

Tip ta' azzjoni 1 & 2:

It-tul massimu tal-azzjonijiet huwa ta' 30 xahar, mill-1 ta' Ottubru 2013 sal-1 ta' April 2016

Tip ta' azzjoni 3:

It-tul massimu tal-azzjonijiet huwa ta' 42 xahar, mill-1 ta' April 2013 sal-1 ta' Ottubru 2016.

Applikazzjoni ta' investiment mill-ġdid iridu jintbagħtu lill-Aġenzija sad-dati ta' skadenza msemmija fit-tabella t'hawn taħt.

Tema	Dati tal-proġett	Data ta' skadenza għall-preżentazzjoni ta' investiment mill-ġdid tal-proġett	Perjodu ta' eliġibiltà tal-ispejjeż
1. Koproduzzjoni	Il-kuntratt ta' koproduzzjoni jista' jiġi ffirmat mhux qabel l-1 ta' Ottubru 2013	Fi żmien 3 xhur mill-firma tal-kuntratt ta' koproduzzjoni u mhux aktar tard mill-1 ta' Ottubru 2014	Mill-1 ta' Ottubru 2013 sal-1 ta' April 2016
2. Garanzija Minima	Il-kuntratt ta' koproduzzjoni jista' jiġi ffirmat mhux qabel l-1 ta' Ottubru 2013	Fi żmien 3 xhur mill-firma tal-kuntratt ta' distribuzzjoni/ftehim ta' kiri (Memo tal-Ftehim u l-Qbil fil-forma uffiċjali huma aċċettati t-tnejn) u mhux aktar tard mill-1 ta' Ottubru 2014	Mill-1 ta' Ottubru 2013 sal-1 ta' April 2016
3. Spejjeż ta' P&A	L-ewwel wiri tal-film fit-teatri fit-territorju jista' jsir mhux qabel l-1 ta' Ottubru 2013 u mhux wara l-1 ta' Ottubru 2015	Mhux aktar tard mill-jum tal-ewwel wiri teatrali tal-fil fit-territorju u mhux aktar tard mill-1 ta' Ottubru 2014	Mill-1 ta' April 2013 sal-1 ta' Ottubru 2016

4. **Kriterji ta' Aġġudikazzjoni**

Fond potenzjali ser jiġi attribwit għall-kumpaniji Ewropej eliġibbli ta' distribuzzjoni abbażi tal-ammissjonijiet miksuba mid-distribuzzjoni ta' films Ewropej nonnazzjonali mill-applikat fis-sena ta' referenza (2012).

Il-Fond potenzjali ser jiġi kkalkulat abbażi ta' ammont fiss għal kull entratura eliġibbli. Kemm-il darba fl-ambitu ta' din is-sejħa għall-proposti, is-somma tal-fondi ġġenerati taqbeż EUR l-20 M , kull fond potenziali jitnaqqas proporzjonalment. Dan it-tnaqqis mhuwiex se jwassal biex ibaxxi l-ammont tal-fond potenzjali taħt il-limiti minimi ta' disponibbiltà indikati fil-Linji Gwida.

Is-sostenn ser jieħu l-forma ta' Fond potenzjali (il-"Fond") li ser ikun disponibbli għad-distributuri għal iktar investimenti f'films Ewropej nonnazzjonali.

Il-Fond jista' jiġi investit mill-ġdid:

(1) Fil-produzzjoni ta' films Ewropej nonnazzjonali (jiġifieri films li għadhom ma tlestewx fil-jum tal-applikazzjoni għal investiment mill-ġdid);

(2) Fil-laqgħa tal-Garanziji Minimi tad-Distribuzzjoni għal films Ewropej nonnazzjonali;

(3) Fil-laqgħa tal-ispejjeż tad-distribuzzjoni jiġifieri l-P&A (promozzjoni u reklamar) għal films Ewropej nonnazzjonali.

5. **Baġit**

Il-baġit totali disponibbli huwa EUR 20 442 675.

Il-kontribut finanzjarju jingħata bħala sussidju. L-appoġġ finanzjarju mill-Kummissjoni ma jistax jaqbeż l-40 %, il-50 % jew is-60 % tal-ispejjeż totali eliġibbliskont in-nazzjonalità tal-film u t-territorju tad-distribuzzjoni (ara l-Linji gwida). Mhemmx ammont massimu.

L-Aġenzija tirriserva d-dritt li ma tallokax il-fondi kollha disponibbli.

6. **Data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet**

Il-proposti għall-"ġenerazzjoni" ta' Fond potenzjali għandhom jintbagħtu (data tat-timbru tal-posta) sat-**30 ta' April 2013**.

Il-proposti għall-"riinvestiment" tal-Fond potenzjali għandhom jintbagħtu (data tat-timbru tal-posta) sal-iskadenza stipulata għal kull modulu fit-tabella ta' hawn fuq, u sa **mhux aktar tard mill-1 ta' Ottubru 2014**.

Il-proposti għandhom jintbagħtu f'dan l-indirizz:

Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (EACEA)
MEDIA Programme — BOUR 3/66
Avenue du Bourget/Bourgetlaan 1
1140 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Il-formoli tal-applikazzjoni uffiċjali għandhom jiġu użati u ffirmati mill-persuna li tkun intitolata tidħol f'impenji vinkolanti f'isem l-organizzazzjoni applikanta.

Il-pakkett tal-applikazzjoni li jinkludi l-formoli tal-applikazzjoni u l-annessi, kif spjegat fil-linji gwida, għandu jindika b'mod ċar:

MEDIA programme — Distribution EACEA/25/12 — Automatic cinema

Applikazzjonijiet mibgħuta b'fax jew email mhux ser jiġu milqugħa.

7. **Dettalji kollha**

It-test sħiħ tal-linji gwida flimkien mal-formoli tal-applikazzjoni, jistgħu jiġu kkonsultati fl-indirizz elettroniku li ġej:

http://ec.europa.eu/culture/media/programme/distrib/schemes/auto/index_en.htm

L-applikazzjonijiet iridu jkunu komformi mat-termini tal-linji gwida, sottomessi fuq formoli pprovduti u jkun fihom l-informazzjoni u l-annessi kollha msemmija fit-test sħiħ tas-sejħa.